MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2007

Appell Kriminali Numru. 268/2007

Il-Pulizija
(Spt. R. Mercieca)
Vs
Josef Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar id-29 ta' Ottubru, 2006 ghall-habta ta' xi 04.30 hrs gewwa l-Gharghur:

a) Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CAC-926, liema hsara hija aktar minn Lm 50 (hamsin Lira Maltin), izda mhux aktar minn Lm 500 (hames mitt lira Maltin) ghad-dannu ta' Saviour Garzia w dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kkawza feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Roberto De Sanctis skond

kif iccertifika Dr Andrew Zammit MD (Reg No 2584) mic-Centru tas-Sahha tal-Mosta w dan bi ksur tal-artikolu 221(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta,
c) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta‘ Saviour Garzia u Roberto De Sanctis weggaghhom bi kliem b’gesti jew b’mod iehor u dan bi ksur tal-artikolu 252(1)(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta;
d) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi hebb ghal Saviour Garzia u Roberto De Sanctis sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) u (e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta;
e) fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijeit ta‘ Malta.
f) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-fomm hedded lil Saviour Garzia w Roberto De Sanctis b’delitt u cioe bi qtil u dan bi ksur ta‘ l-artikolu 249 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta‘ Malta.
g) fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi sar recidiv b’zewg sentenzi li saru definittivi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datati 26/04/2005 Magistrat Dr Dennis Montebello LL. D. U dan bi ksur ta‘ artikoli 49 u 50 tal-Ligijiet ta‘ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-4 ta’ Lulju, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 252(1)(2), 339(d) u (e), 338(dd), 249, 40 u 50 tal-Kapitolu 9, fuq ammissjoni tal-istess appellant, iddikjarat l-procediment ezawrit fl-ewwel u t-tieni akkuzi, izda sabitu hati fil-konfront ta’ l-akkuzi l-ohra w ikkundannatu ghal piena karcerarja ta’ xahar u multa ta’ tlett mitt lira Maltin (LM300).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Lulju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti taghha fejn iddikjarat il-procediment ezawrit fl-ewwel u t-tieni akkuzi, thassar, tirrevoka w tikkancella l-istess sentenza f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjonijiet l-ohra bl-addebitu tar-recidiva w minflok tiddikjara l-procediment ezawrit ukoll vis a vis it-

tielet u r-raba’ imputazzjoni w lill-appellant mhux hati tas-sitt imputazzjoni bl-addebitu tar-recidiva u/jew konsegwentement tirriforma w tvarja l-istess sentenza f’dik il-parti taghha li tikkoncerna l-piena nflitta.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe' li : 1. L-Ewwel Qorti ghamlet enunzjazzjoni erronja w zbaljata tal-ligi in kwantu naqset milli tiddikjara l-procediment ezawrit viz-a-via t-tielet u r-raba' imputazzjoni w dan in vista tar-rinunzja maghmula minn Garcia u de Sanctis u l-Ewwel Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit fuq l-ewwel u t-tieni akkuzi biss. It-tielet imputazzjoni hija dik ravvizata fl-artikolu 252 tal-Kap. 9 u ergo prosegwibbli bil-kwerela tal-parti offiza skond l-art. 255 tal-Kap.9. L-istess jinghid fir-rigward tal-kontravvenzjoni ravvizata fl-art. 339 (1) (d) u (e) tal-Kap. 9 skond ma jghid l-art. 339(2). Inoltre applikat l-artikolu 17 fir-rigward tal-komputazzjoni tal-piena bil-konsegwenzi li dan igib mieghu.  2. Fir-rigward tas-sitt imputazzjoni ghalkemm diun giet ammessa mill-imputat appellant , l-art. 249 jitkellem fuq theddid bil-mezz ta' karta miktuba w f' dal-kaz ma hemmx theddid bil-karta miktuba w ghalhekk l-Ewwel Qorti setghet tiskarta din l-ammissjoni. L-appellant ghamel riferenza ghall-artikolu 519 li jista jkun applikabbli b' analogija dak li jinghid fl-art. 453(2), 453A(2) u 392A(2). L-Artikolu 370(6) tirrendi applikabbli anki ghac-cirkostanzi msemmija fl-artikolu 370(4) dak dispost fl-Art. 392A. 3. Li, minghajr pregudizzju ghal dak fuq premess, il-piena ghac-cirkostanzi kienet eccessiva.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel aggravju hu li l-Ewwel Qorti ma ddikjaratx ukoll il-procediment ezawrit fil-konfront tat-tielet u r-raba' imputazzjoni, kif ghamlet fil-kaz tal-ewwel zewg

imputazzjonijiet. Illi hu minnu li l-Ewwel Qorti qalet fis-sentenza appellata li kienet qeghda tiddikjara l-procediment ezawrit fl-ewwel u t-tieni akkuzi, pero' frankament mill-ezami tax-xiehda w l-verbali fil-process ma jirrizultax li kien hemm xi rinunzja tal-azzjoni kriminali cara w esplicita da parti tal-parti leza Garcia u De Sanctis. L-unika haga li hemm fil-process li tista' tissuggerixxi dan hu parti mix-xiehda ta' Garcia (a fol. 25) fejn, wara li x-xhud qal li l-appellant kien hallas direttament il-hsara fil-car tieghu lil mechanic li sewwiha w li kien skuza ruhu max-xhud, ghall-asserzjoni tal-Qorti : *"U int offrejt li tirtira.",* ix-xhud irrisponda: "*Iva. Iva*." Fil-kaz ta' De Sanctis (Fol. 29) kull ma hemm hu li wara li dan xehed li kien intlaqat f' saqajh b' gebla li dahlet fil-car, ghad-domanda tal-Qorti: "*Did you suffer any injuries?"* ix-xhud irrisponda: "*No, no, no. Everything is all right now."*

Bir-rispett dan il-kliem ma jammontax ghall-rinunzja tal-azzjoni kriminali w jekk stess b' xi tigbid tal-immaginazzjoni dan b' xi mod seta' jigi implikat, kien qed jirriferi ghall-kwistjoni tad-danni fil-car ta' Garcia li tissemma fl-ewwel imputazzjoni w ghall-ferita kagonjata lil Roberto de Sanctis koperta bit-tieni imputazzjoni, ghax fuq dawn kien qed isir id-diskors f' dik il-parti tax-xiehda rispettiva ta' dawn il-partijiet lezi. Minn imkien ma tohrog xi rinunzja ghall-ingurji subiti minn Garcia u De Sanctis li l-appellant ammetta quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas ghall-akkuza ta' hebb biex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara liz-zewg persuni koperti fit-tielet u r-raba' imputazzjoni.

Il-fatt li l-Avukat Generali ma hassx li kellu jappella mill-izball li jidher li ttiehed mill-Ewwel Qorti meta ddikjarat il-procediment ezawrit fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjoni (prezumibbilment minnhabba rinunzja - u jinghid prezumibbilment ghaliex l-Ewwel Qorti lanqas biss hasset il-htiega li tghid ghaliex il-procediment kien qed jigi dikjarat ezawrit) ma jintitolax lill-appellant li hu mbaghad jappella ghax ma giex ukoll dikjarat il procediment ezawrit fuq it-tielet u r-raba' imputazzjoni. Jekk stess sar zball fir-rigward tal-ewwel zewg imputazzjonijiet dan zgur ma jistax jagevola lill-appellant billi jippretendi li xi rinunzja immaginata (u zgur mhux dikjarata) dwar l-ewwel zewg

imputazzjonijiet tista' testendi ukoll ghall-imputazzjonijiet ohra, li dwarhom ma sarx l-icken pronunzjament mill-parti leza fil-process u li l-appellant ammetta inkondizzjonatament. Ghalhekk dan l-ewwel aggravju qed jigi respint.

Ikkonsidrat;

Li fir-rigward tas-sitt imputazzjoni li ukoll giet ammessa inkondizzjonatament mill-appellant, ma hux legittimu li issa, minghajr ma nstemghu il-provi fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha mill-Ewwel Qorti w dan in vista tal-istess ammissjoni li issa jigi sollevat li l-Ewwel Qorti ma jmissiex accettat l-ammissjoni, ghax din l-imputazzjoni ma tirrizultax pruvata. L-imputazzjoni ma kellhiex ghalfejn tigi pruvata ladarba kien hemm ammissjoni. L-appellant quddiem l-Ewwel Qorti kien assistit mill-abbli difensur Dottor Joseph Mifsud li prezumibbilment kien ikkonsulta mall-appellant dwar x' reati kien qed jammetti w ma jammettix. L-appellant inoltre inghata zmien altru milli adegwat biex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu w cio'nonostante din regghet giet konfermata minnu (ara fols.10 u 22 tal-process.)

In ogni caso ghalkemm il-Pulizija indikat l-artikolu 249 bhala bazi tar-reat imputat taht is-sitt imputazzjoni w l-Ewwel Qorti ccitat dan l-artikolu fil-parti operattiva tas-sentenza, dan l-artikolu fil-fatt fis-subartikolu (2) jikkomprendi theddid "bil-fomm", u ghalhekk anki jekk ma sarx theddid bil-karta miktuba kif jiddisponi s-sub-artikolu (1) tal-art. 249, xorta wahda dar-reat kien ipotizzabbli una volta li xi theddid li kien hemm kien akkompanjat mill-kondizzjoni li s-sewwieq l-iehor kellu jregga lura biex it-theddid ma javverrax ruhu, kif fil-fatt gara eventwalment meta d-delitt gie kompjut bit-tfiegh tal-gebla jew gebel mill-appellant. Ghalhekk, anki kieku l-Ewwel Qorti kellha l-fakolta' li ma taccettax l-ammissjoni, b'analogija ma dak li tista' taghmel il-Qorti Kriminali skond l-artikolu 453 (2) tal-Kodici Kriminali, u dak li tista' taghmel skond l-art. 392A (3), f' dan l-kaz ma kienetx manifestament tenuta li taghmel dan u ergo setghet liberament tiggudika fuq l-ammissjoni bla rizervi registrata mill-appellant. Din il-Qorti

ma tarax li hemm raguni biex tiddisturba d-diskrezzjoni li ezercitat l-Ewwel Qorti meta, wara l-ammissjoni, ddecidiet li, wara li semghet ix-xhieda tal-parti leza ghall-fini tal-prova tad-danni w tal-feriti, tati s-sentenza kif ghamlet. Ghalhekk anki dat-tieni aggravju qed jigi respint.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-piena. Din il-Qorti kellha hafna okkazzjonijiet fejn ippronunzjat ruha li l-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta’ l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x’jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (Ara. “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs. David Vella**” [14.6.1999] , **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina”** [24.4.2003] u ohrajn.). F’dan il-kaz il-piena decizament hija entro l-parametri tal-ligi partikolarment meta wiehed iqis li l-appellant hu recidiv u li mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li mmanifesta t-tendenzi aggressivi tieghu w dan sahansitra anki fil-konfront ta' membri tal-Korp tal-Pulizija f'diversi okkazzjonijiet u dana apparti ksur tal-ligi iehor ripetut.

Illi umbaghad, kif anki gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (diversament preseduta) fil-kawza **“Il-Pulizija vs. Joseph Azzopardi”** [30.7.2004] : -

*“… bhala regola, meta si tratta ta’ vjolenza fuq il-persuna il-piena ghandha tkun dejjem dik ta’ prigunerija b’ effett immedjat . Il-Qrati ta’ Gustizzja Kriminali ghandhom ikunu minn ta’ quddiem biex b’mod deciziv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jigi zventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruha f’ xi forma ta’ vjolenza fizika ”* (sottoliear ta' din il-Qorti)

u zgur li f' dan il-kaz l-appellant wera grad gholi ta' prepotenza w arroganza fl-incident de quo li ma jistax jigi kondonat mill-Qrati.

Ghalhekk ma tarax li hemm lok ghal temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud w s-sentenza appellata konfermata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------